MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2003

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Gordon Borg, iben Anthony,
imwieled Pieta' fis-27 ta'
novembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta' diċembru, 2000 għal ħabta tal-11.30 a.m. fl-MCP Car Park, Floriana, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Rupert Tabone f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rupert Tabone skond ma ċċertifika Dr. Allan Drago M.D. ta' l-isptar San Luqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor,

mobbli jew immobbli, billi għamel ħsara fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAO 757, liema ħsara ma teċċediex l-għaxar liri maltin (Lm10) għad-dannu ta' Rupert Tabone;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
4. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' frar, 2000.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' jannar, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
(a) fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 325(b), 338(dd), 17(b)(ċ)(h), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 5, 9, 10, 11 u 12 tal-Kapitolu 152 tal-liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċeidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avuikat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' frar, 2001 fejn il-'parte civile' Rupert Tabone nforma l-Qorti li ma hemm ebda pendenzi ċivili bejnu u bejn l-imputat u Rupert Tabone kien qed jirrinunzja għal dawk l-akkużi li huma rinunzjabbili.

Ikkunsidrat,

Illi fl-4 ta' diċembru, 2000 għal ħabta tal-11.30 a.m. il-pulizija ġiet infurmata li kien hemm ġlieda fil-car park tal-Floriana.  L-inċident inqala għaliex karozza ma ħallitx

karozza oħra tgħaddi qabel il-'barrier'. Iż-żewġ sewwieqa niżlu mill-karozzi rispettivi tagħhom u għalhekk inqalet din il-ġlieda.

Illi Rupert Tabone għażel li ma joffrix ix-xhieda tiegħu fil-kors ta' din il-kawża.

Illi konsegwenza ta' din il-ġlieda Rupert Tabone sofra ferita ta' natura gravi 'per durata' minħabba ksur f'subgħajh iż-żgħir ta' idu x-xelluqija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien Rupert Tabone li niżel l-ewwel mill-karozza tiegħu u f'idejh kellhu virza ta' l-azzar. Hu resaq lejn il-karozza ta' l-imputat li min-naħa tiegħu niżel mill-karozza u kellhu f'idejh borza tal-pastic li kien fiha martell.
L-imputat xehed li hu ħaseb li kien ser jiġi aggredit minn Rupert Tabone u għalhekk xejjer l-ewwel biex jiddefendi ruħu. Barra minn hekk il-karozza ta' l-imputat sofriet mal-Lm138 ħsara. Il-karozza ta' Rupert Tabone sofriet inqas minn Lm10 ħsara.

Illi miċ-ċirkostanżi kollha tal-każ jidher ċar li l-imputat iddefenda ruħu minn aggressjoni nġustifikata u bla bżonn.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------